**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 30 ta' Novembru, 2022**

**Rikors Guramentat Nru: 565/2021 AF**

**Yorgen Fenech**

**vs**

**Avukat Generali**

**Avukat tal-Istat**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-attur Yorgen Fenech, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Nhar it-30 ta' Novembru, 2019 l-esponenti gie mressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat *inter alia* b'komplicità f'omicidju volontarju.

Nhar il-24 ta' Awwissu 2021, ir-rikorrent gie notifikat bil-Att tal-Akkuza 17/2021 fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta vs Yorgen Fenech.

Permezz ta' surroga datata 19 ta' Awwissu 2021 u mwahhla 24 ta' Awwissu 2021, wara l-astensjoni tal-Onor. Imhallef Aaron Bugeja, l-Eccellenza Tieghu President tar-Repubblika fuq rakkomandazzjoni tal-S.T. Prim Imhallef innomina lil Onor. Imhallef Edwina Grima biex tiehu konjizzoni tal-kawza odjerna.

L-esponenti permezz ta' rikors datat 26 ta' Awwissu tas-sena 2021 talab lill-Onor. Imhallef Edwina Grima sabiex tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-Att tal-Akkuza odjern liema talba giet michuda permezz ta' digriet datat 1 ta' Settembru tas-sena 2021.

## A. Partecipazzjoni tal-Avukat Generali fix-xelta tal-Imhallef Edwina Grima

L-ewwel lanjanza tal-esponent tirrigwarda l-fatt li hija ngustizzja gravi u kontra kull sens ta' smiegh xieraq li l-Prosekutur tar-Repubblika l-Avukat Generali (li huwa l-persuna li hareg l-att tal-akkuza kontra r-rikorrent) ippartecipa direttament jew indirettament fix-xelta tal-Onor. Imhallef Edwina Grima u dan kif jirrizulta mill-minuti annessi mas-surroga lli giet notifikata lir-rikorrent.[1] Infatti, (u dan lanqas biss qieghed jigi kkontestat mill-Avukat Generali) jidher illi l-Agent Registratur tal-Qrati u

[1] Ara dok A anness ma dan ir-rikors kostituzzjonali

Tribunali Kriminali talab lill-Avukat Generali, i*nter alia,* ghal *'Legal vetting'* tar-rakkomandazzjoni tal-Prim Imhallef.

Il-partecipazzjoni diretta jew indiretta tal-Avukat Generali fix-xelta tal-Onor. Imhallef Edwina Grima, jmur kontra kull sens ta' smiegh xieraq u gustizzja naturali. F'dawn ic-cirkostanzi, l-esponent ma ghandu ebda serenità fl-ghazla tal-Onor. Imhallef Edwina Grima kemm il-darba dan sar bl-intervent kemm dirett kif ukoll indirett tal-Avukat Generali li qieghed jitlob li r-rikorrent jintbat ghal ghomru l-habs.

Ghaldaqstant dan il-fatt wassal u se jwassal ghal ksur tad-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

## B. L-Imhallef sedenti hija nominata mill-President ta' Malta sabiex tpoggi fuq il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)

Indipendentament minn l-ewwel lanjanza, t-tieni lanjanza tal-esponent tikkonsisti fil-fatt li l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) ser tigi zvestita mill-iktar rapprezentant taghha lli tista taghti kontribut ta' natura ta' ligi u procedura penali u tigi sostitwita b'imhallef li, bl-ikbar rispett, bilfors mhu ser ikollu ebda esperjenza fix-xoghol tal-Qorti Kriminali.

Illum l-Imhalfin illi jippresedu l-Qorti Kriminali huma principalment tlieta u cioè l-Onor. Imhallef Giovanni Grixti, l-Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera u l-Onor. Imhallef Aaron Bugeja. Kif jidher mis-surroga msemmija iktar il-fuq, l-Onor. Imhallef Aaron Bugeja astjena minn li jiehu konjizzjoni ta' dan il-kaz u lanqas ma jidher li l-Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera ma' tista tiehu konjizzjoni ta' dan il-kaz ghaliex gia astjeniet minn li tiehu konjizzjoni ta' talbiet precenednti f'dan il-kaz. *Di più* huwa evidenti mill-attakki bla precedent fuq l-Onor. Imhallef Giovanni Grixti nhar id-19 ta' Awwissu 2021, li lanqas ma huwa *ben vist* minn xi uhud.

Jinghad bl-ikbar rispett li ma huwiex accettabbli u manifestament ta' pregudizzju li minhabba dawn il-problemi li bl-ebda mod ma jemanu mill-esponent, tigi zarmata l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) kif kostitwita mill-Eccellenza Tieghu l-President tar-Repubblika skond l-artikolu 498(2) tal-Kapitolu.

Huwa mpensabbli kif imhallef minghajr esperjenza fil-Qorti Kriminali jista jissindaka l-operat tal-iktar imhallef anzjana nominata mill-Eccellenza Tieghu President tar-Repubblika fil-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) u dan, *inter alia,* ifisser illi r-rikorrent ma' jista qatt ikollu smiegh xieraq quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-eventwalità kwazi certa illi din il-kawza tispicca quddiem dik il-Qorti.

Dan kollu qed jinghad indipendentament minn kwistjonijiet tal-legittimità tas-surroga ta' Imhallef li giet già nominata bhala parti mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri).

Ghaldaqstant l-esponent jirrileva illi dan il-fatt wassal u se jkompli jwassal ghal ksur tad-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li bil-fatt li fl-ghazla tal-Imhallef Edwina Grima li ser tippresjedi l-guri ippartecipa l-Avukat Generali gew lezi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti ghal smiegh xieraq u dan bi ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

2. Subordinatament tiddikjara li bis-surroga tal-Imhallef Edwina Grima fil-Qorti Kriminali l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) ser tigi zvestita minn l-iktar gudikant anzjan illi tista taghti kontribut ta' natura ta' ligi u procedura penali u dan bi ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

3. Takkorda dawk ir-rimedji kollha xierqa u effettivi fic-cirkostanzi fosthom li tordna li l-Onor. Imhallef Edwina Grima tastjeni minn li tkompli tiehu konjizzjoni tal-kawza fl-ismijiet ir-**Repubblika ta' Malta vs Yorgen Fenech** (Att tal-Akkuza 17/2021);

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali u tal-Avukat tal-Istat li permezz taghha gie eccepit illi:

Il-lanjanzi tar-rikorrent Yorgen Fenech f'din il-kawża huma msejsa fuq żewġ (2) insinwazzjonijiet, u ċioè li allegatament: (1) il-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onor. Imħallef Edwina Grima mhijiex Qorti indipendenti u imparzjali għaliex l-Avukat Ġenerali pparteċipa fin-nomina tal-Onor. Imħallef Edwina Grima sabiex tkun il-ġudikant li tippresjedi fil-ġuri fil-kawża kriminali fl-ismijiet '***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Yorgen Fenech', Att t'Akkuża numru 17/2021*** u (2) in-nomina tal-Onor. Imħallef Edwina Grima sabiex tippresjedi fil-Qorti Kriminali fil-kawża msemmija tfisser li l-istess Onor. Imħallef Edwina Grima ma tkunx tista' tisma' u tiddeċiedi l-eventwali appell fil-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) bil-konsegwenza li l-Qorti tal-Appell Kriminali mhux ser tkun komposta minn ġudikanti ta' esperjenza fil-Liġi Kriminali. Skont ir-rikorrent dan iwassal għal leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq kif protett permezz tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

L-esponenti Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan għar-raġunijiet segwenti.

*In linea* preliminari, in kwantu l-proċeduri kriminali in konfront tar-rikorrent għadhom pendenti, l-esponenti jeċċepixxu formalment l-intempestività ta' din l-azzjoni u dan in kwantu l-lanjanzi tar-rikorrent huma mibnija fuq allegata leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq. L-esponenti jirrileva illi sabiex ikun jista' jiġi determinat jekk ir-rikorrent ġarrbux ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom protetti b'dan l-artikolu, irid jiġi eżaminat

il-proċess kriminali kollu fit-totalità tiegħu. Illum dak il-proċess kriminali għadu qiegħed jiżvolġi u huwa għalhekk impossibbli li jsir l-eżerċizzju ta' eżami sħiħ tiegħu kif tirrikjedi lanjanza ta' allegat ksur tad-dritt għal smiegħ xieraq.

Kif ġie stabbilit b'mod kostanti fil-ġurisprudenza kemm nostrana kif ukoll dik tal-Qorti Ewropeja, biex tinsab leżjoni tas-smiegh xieraq kif imħares taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, huwa meħtieġ li l-proċess ġudizzjarju jiġi eżaminat fit-totalità tiegħu. Bħala regola, sabiex jkun jista' jigi apprezzat jekk proċeduri humiex xierqa jew le, wieħed m'għandux iħares biss lejn xi nuqqasijiet proċedurali li jokkorru iżda irid iħares u jeżamina jekk fl-assjem tagħhom, il-proċeduri jkunux jew le kondotti b'ġustizzja fis-sustanza u fl-apparenza (ara *Perit Joseph Mallia vs Onor. Prim Ministru et* deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Marzu 1996).

Sabiex jiġu applikati l-elementi tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jridu ta' bilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġieba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti (ara *Fenech vs Avukat Generali* deċiża fl-4 ta' Awwissu 1999 – Vol. LXXXIII.i.213). Wieħed ma jistax u m'għandux jiffoka fuq parti waħda biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew għelt, jasal għall-konklużjoni li ta' bilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq (*Pullicino vs Onor. Prim Ministru et* deciza fit-18 ta' Awwissu 1998 – Vol. LXXXII.i.158).

F'dan l-istadju r-rikorrent żgur ma jistax jasal għall-konklużjoni li ġie miksur id-dritt tiegħu ta' smigħ xieraq, tenut kont ukoll li l-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onor. Imħallef Edwina Grima ħadet konjizzjoni tal-Att t'Akkuża numru 17/2021 riċentement ħafna u m'hemmx dubju li r-rikorrent qed igawdi mis-salvagwardji kollha tal-proċess ġudizzjarju. Din l-eċċezzjoni preliminari tapplika wkoll ghat-tieni lanjanza li qajjem ir-rikorrent dwar il-komposizzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sens li fil-preżent m'hemm l-ebda kawża li hija pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) li fiha huwa involut

ir-rikorrent u allura m'hemm l-ebda dubju li l-ilmenti odjerni huma għal kollox intempestivi u prematuri.

Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jissottomettu li l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jipprovdi li sabiex jiġi garantit id-dritt għal smigħ xieraq, is-smigħ għandu jsir fi żmien raġonevoli u jinstema' minn Qorti ndipendenti u imparzjali mwaqqfa bil-liġi. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jmur oltre meta jipprovdi li s-smigħ għandu jkun pubbliku u jista' jsir quddiem tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf bil-liġi. L-esponenti jirrilevaw li ma sar xejn matul il-proceduri kriminali in konfront tar-rikorrent li b'xi mod seta' jinċidi fuq id-dritt tar-rikorrent għal proċess ġust.

L-esponenti jissottomettu li l-proċeduri kriminali li qed jiġu attakkati mir-rikorrent mhumiex imtappna bl-ebda vjolazzjoni tad-dritt għal smigh xieraq. F'dan ir-rigward l-esponenti jisħqu li: (a) il-proceduri kollha qed jinżammu u qed jiġu determinati minn qorti indipendenti u imparzjali; (b) ir-rikorrent għandu aċċess għall-qorti; (ċ) is-smigħ kollu kien kondott fil-presenza tiegħu; (d) il-partijiet kollha ġew trattati b'mod ugwali mingħajr ma kien hemm l-ebda vantaġġ proċedurali minn xi persuna fuq oħra; (e) ir-rikorrent qiegħed jingħata l-opportunità kollha li jiddefendi l-każ tiegħu mingħajr xkiel; (f) ir-rikorrent jinstab megħjun minn avukat tal-fiduċja tiegħu tul il-proċeduri; u (ġ) ir-rikorrent qiegħed jingħata ż-żmien u l-faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tal-każ tiegħu.

Fil-mertu, permezz tal-ewwel lanjanza tiegħu r-rikorrent qed jallega li n-nomina tal-Onor. Imħallef Edwina Grima biex tippresjedi l-Qorti Kriminali fil-kawża tiegħu hija allegatament mittiefsa minħabba il-preżunt involviment tal-Avukat Ġenerali fl-għażla tal-istess Onor. Imħallef Edwina Grima kif jindika d-dokument mmarkat 'Dok A' li ġie ppreżentat mar-rikors promotur. Anke jekk b'mod mhux espliċitu, r-rikorrent qiegħed jgħid li hu m'għandux fiduċja li l-Onor. Imħallef Edwina Grima ser taqdi d-doveri u l-obbligi tagħha b`mod indipendenti u imparzjali skont il-liġi.

Dwar dan kollu, l-esponent Avukat Ġenerali tibda biex tgħid li qiegħda kategorikament tiċħad li hija kienet involuta, direttament jew indirettament, fl-assenjazzjoni tal-kawża ***Ir-***

***Repubblika ta' Malta vs. Yorgen Fenech*** lill-Onor. Imħallef Edwina Grima. It-tqassim u l-assenjazzjoni tal-kawżi huwa regolat bl-artikolu 11(4) tal-Kodiċi ta' Organiżazzjoni u Proċeduri Ċivili, il-Kap.12 tal-Liġijiet ta` Malta li jistipula: *"kull meta xi mħallef, ħlief il-Prim Imħallef, ikun rikużat jew xort'oħra legalment impedut, il-Prim Imħallef għandu jassenja mħallef ieħor biex jieħu konjizzjoni tal-kawża"*. Fil-każ odjern, l-Onorevoli Prim Imħallef Mark Chetcuti rrakommanda lill-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta li jinnomina lill-Onor. Imħallef Edwina Grima biex tieħu konjizzjoni tal-kawża kriminali in kwistjoni minflok l-Onor. Imħallef Aaron Buġeja. Din in-nomina ingħatat fid-19 ta' Awwissu 2021. L-Avukat Ġenerali kien limitalment involut, strettament u unikament sabiex ir-rakkomandazzjoni tal-Onor. Prim Imħallef tiġi riferuta u trasmessa lill-Ministru tal-Ġustizzja u Governanza, u dan sabiex eventalment l-Eċċellenza Tiegħu l-President ta` Malta japprova u jiffirma n-nomina tal-Onor. Imħallef Edwina Grima. Il-firma tal-Avukat Ġenerali fuq id-dokument esebit hija biss formalità li tirrigwarda kwistjoni purament amministrattiva u *mhux* sostantiva. L-Avukat Ġenerali rriferiet biss ir-rakommandazzjoni tal-Prim Imħallef lill-Ministru tal-Ġustizzja u ċertament li n-nomina tal-Onor. Imħallef Edwina Grima ma saritx mill-Avukat Ġenerali u lanqas ma kellha xi forma ta' *voce in capitolo* dwar din l-għażla.

Kif diġà ingħad aktar qabel f'din ir-risposta, r-rikorrent donnu qed jinsinwa li l-proċedura ta' nomina tal-Onor. Imħallef Edwina Grima sabiex tippresjedi fil-Qorti Kriminali tivvjola l-jedd tiegħu għal smigħ xieraq li jiġi ġudikat minn Qorti indipendenti u mparzjali. L-esponenti jirribattu li l-kunċett ta' mparzjalità suġġettiva u/jew oġġettiva ta' ġudikant ma tiddependix fuq l-opinjoni ta' parti f'kawża: ċertament li tali opinjoni mhijiex deċiżiva iżda dak li jrid jintwera huwa li d-dubju fuq l-imparzjalità tkun ġustifikata b'mod oġġettiv. Dan ifisser li huwa neċessarju li jkun hemm dubju leġittimu dwar l-imparzjalità suġġettiva u/jew oġġettiva ta' ġudikant <u>naxxenti minn fatti</u> u dan peress li l-ġudikant huwa dejjem preżunt li huwa mparzjali.

Il-Qorti Kriminali bħal kull Qorti/Tribunal indipendenti u mparzjali hija obbligata li tisma' lill-partijiet, tevalwa u tapprezza x-xhieda u l-provi miġjuba sabiex finalment tagħti ġudizzju. L-

esponenti jirrilevaw illi ma sar xejn matul il-proċess relattiv li b'xi mod jista' jew seta' jinċidi fuq id-dritt tar-rikorrent għal proċess ġust u wisq inqas saret xi influwenza fuq min għandu jiġġudika. Fir-rikors promotur ir-rikorrent ma jindikax eżattament għal liema raġuni l-Onor. Imħallef Edwina Grima mhijiex indipendenti u mparzjali, u għalhekk l-ilment tar-rikorrent ifalli minn kull aspett.

L-artikolu 733 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li ġudikant jista' jiġi rikużat jew jista' jastjeni biss fil-każijiet imsemmija fil-liġi (ara ***Licari Estates Ltd. vs Kishinchand Mohnani*** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Frar 2001) jew ghall-massimu fejn ikun hemm raġunijiet gravi kif imfissra fis-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Meinrad Calleja*** deċiża mill-Qorti Kriminali fit-2 ta' Ottubru 2000 u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Dr Patrick Vella LL.D.*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Ottubru 2006.

Fil-fehma tal-esponenti, l-analiżi li trid issir hija jekk dak li minnu qed jilmenta r-rikorrent jinkwadrax ruħu f'xi wieħed mill-paragrafi tas-subartikolu (1) tal-artikolu 734 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Wara li wieħed iħares lejn tali artikolu jirriżulta biċ-ċar li l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi msemmija f'dan l-artikolu ma hija applikabbli fil-każ odjern, u dan *stante* li t-talba tar-rikorrent ma' tinkwadra taħt l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet maħsuba fl-Artikolu 734 tal-Kap. 12. L-Artikolu 734 (1) tal-Kap. 12 jibda billi jipprovdi li "*L-Imħallfin ma jistgħux jiġu rikużati u lanqas jistgħu jastjenu ruħhom milli joqgħodu f'kawża miġjuba quddiemhom fil-qorti li fiha huma maħtura biex joqgħodu, ħlief għal xi waħda mir-raġunijiet hawn wara imsemmijin*". Illi dawn l-eċċezzjonijiet maħsuba fl-Artikolu 734 tal-Kap. 12 iridu jiġu nterpretati b'mod ristrettiv u mhux jiġu estiżi għal ċirkostanzi li mhumiex imsemmija fl-Artikolu 734 tal-Kap. 12.

Għal dak li jirrigwarda l-prinċipji li jsawru l-indipendenza u l-imparzjalità ta' ġudikant, l-esponenti jagħmlu referenza għall-awturi **Harris, O'Boyle & Warbrick** "*An impartial tribunal – "Impartiality" means lack of prejudice or bias. To satisfy the requirement, the tribunal must comply with both a subjective and an objective test: The existence of impartiality for the purpose of Article 6 (1) must be determined according to a*

*subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect"*.

L-esponent jirrileva li imkien ma jirriżulta li l-Onor. Imħallef Edwina Grima hija oġġettivament jew soġġettivament *biased.* Il-liġi hija ċara dwar meta imħallef għandu jirrikuża ruħu u dan ai termini tal–artikolu 734 tal-Kap 12. Anke hawn l-esponent jgħid li r-rikorrent ma ressaq l-ebda raġuni valida sabiex l-Imħallef tirrikuża jew tastjeni ruħha mill-kawża.

Għalhekk ma hemm l-ebda leżjoni tal-jedd għal-smigħ xieraq u l-lanjanza għandha tiġi miċħuda.

Il-lanjanza l-oħra tar-rikorrent hija li n-nomina tal-Onor. Imħallef Edwina Grima biex tippresjedi fil-Qorti Kriminali matul il-ġuri fil-kawża tiegħu ser iġġib il-konsegwenza li l-istess Onor. Imħallef Grima mhux ser tkun tista' tisma' l-appell tar-rikorrent fil-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) wara li tingħata s-sentenza tal-Qorti Kriminali u dan skond ir-rikorrent huwa allegatament ta' preġudizzju għal-istesss rikorrent għaliex f'każ ta' appell, il-Qorti tal-Appell Kriminali mhux ser tkun komposta minn imħallfin anzjani li għandhom esperjenza fil-liġi penali.

B'kull rispett, anke din il-lanjanza apparti li hija infondata u bla bażi hija ukoll frivola u vessatorja. Huwa *assai* inkredibbli kif fl-istess rikors ir-rikorrent jiddubita mill-indipendenza u l-imparzjalità ta' Imħallef, iżda fl-istess waqt jixtieq jassigura illi l-istess Imħallef ser tkun tista' tippresjedi fil-Qorti tal-Appell Kriminali (*sede superjuri*) f'każ illi jsir appell!

L-eċċezzjonijiet li tqajmu iktar 'l fuq f'din ir-risposta mill-esponenti japplikaw ukoll għal din il-lanjanza fis-sens illi dak li huwa essenzjali għar-rikorrent sabiex jigi imħares il-jedd tiegħu għal-smigħ xieraq hu li jiġi ġġudikat minn Qorti li hija ndipendenti u mparzjali fi żmien ragjonevoli. Fuq kollox però, ir-rikorrent m'għandu l-ebda jedd fundamentali jiddeċiedi hu liema imħallfin għandhom jippresjedu jew ma jippresjedux fil-kawżi tiegħu.

L-assenjazzjoni tal-kawżi u liema ġudikanti jippresjedu fil-Qrati Maltin hija prerogattiva tal-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta li jimxi esklussivament fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Onor. Prim Imħallef. Din il-lanjanza turi minn naħa tar-rikorrent disrispett totali primarjament lejn il-kariga u x-xogħol tal-Prim Imħallef innifsu partikolarment dwar il-mod kif il-ġudikanti jiġu assenjati l-kawżi. Huwa fuq kollox inkonċepibbli kif ir-rikorrent diġà wasal għal-konklużjoni li l-Qorti tal-Appell Kriminali mhux ser ikollha ġudikanti ta' esperjenza fil-liġi penali, meta jirrizulta li llum-il ġurnata għad m'hemm l-ebda kawża li hija pendenti quddiem l-istess Qorti li tirrigwarda r-rikorrent Yorgen Fenech.

L-esponenti, a differenza tar-rikorrent, għandhom fiduċja sħiħa li l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tkun komposta mhux biss minn ġudikanti ndipendenti u mparzjali iżda li għandhom ukoll il-kompetenzi legali u professjonali meħtieġa biex jaqdu bl-aħjar mod possibbli il-funzjoni tagħhom b'ħarsien assolut lejn il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Għalhekk anke din il-lanjanza għandha tigi miċħuda.

Għaldaqstant isegwi li l-lanjanzi, allegazzjonijiet u t-talbiet kollha tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawża inkluż id-dokumenti.

Rat in-nota ta' sottomissjoniet li ressqu l-partijiet rispettivament.

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

Ikkunsidrat illi din hija azzjoni kostituzzjonali fejn essenzjalment l-attur Yorgen Fenech qiegħed iressaq żewġ ilmenti. Fl-ewwel lok qiegħed jallega illi l-Qorti Kriminali kif preseduta mill-Onor. Imħallef Edwina Grima mhijiex indipendenti għar-raġuni illi l-Avukat Ġenerali kien parteċipi fl-għażla tal-Imħallef li ser tippresjedi l-ġuri fil-kawża ossia Att t'Akkuża numru 17/21 fl-ismijiet '**Ir-Repubbblika ta' Malta vs Yorgen Fenech**. It-tieni lanjanza tal-attur hija fis-sens illi bil-fatt illi l-Onor. Imħallef Edwina Grima ġiet nominata sabiex tippresjedi l-ġuri mhijiex ser tkun tista' tippresjedi l-proċeduri tal-appell, jekk ikun il-każ. L-attur għalhekk jilmenta illi l-Qorti tal-Appell Kriminali mhux sejra tkun komposta minn ġudikant b'esperjenza fil-kamp tal-liġi kriminali. Fil-fehma tal-attur, dan kollu sejjer iwassal għal ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif imħarsa bis-saħħa tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Talab għalhekk illi jingħata rimedju għal din il-leżjoni inkluż ukoll billi din il-Qorti kif adita tordna li l-Onor. Imħallef Edwina Grima tastjeni milli tippresjedi l-ġuri kontra l-attur.

L-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali eċċepew in via preliminari l-intempestività tal-azzjoni stante l-fatt illi l-lanjanzi huma bbażati fuq allegata leżjoni. F'dan ir-rigward jgħidu illi sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm leżjoni tad-drittijiet fondamentali, wieħed irid iqis il-proċess kriminali fit-totalità tiegħu. F'dan il-każ il-proċess kriminali għadu qiegħed jiżvolġi u għalhekk għad mhuwiex il-waqt li wieħed jeżamina jekk seħħitx l-allegata leżjoni. L-intimati jestendu dan l-argument anki għat-tieni ilment tal-attur u jgħidu li sa fejn jirrigwarda l-proċess quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri), kull ilment huwa sia intempestiv kif ukoll prematur stante l-fatt illi lanqas biss għad hemm proċeduri pendenti quddiem dik il-Qorti. L-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali komplew l-argumentazzjoni tagħhom fir-rigward tal-infondatezza tal-allegata leżjoni billi osservaw li l-jedd għal smigħ xieraq jistrieh fuq żewġ pilastri u cioè smigħ tal-proċeduri fi żmien raġonevoli u smigħ minn Qorti li hija ndipendenti u mparzjali u legalment kostitwita. Ikomplu jgħidu illi fil-każ **Ir-Repubbblika ta' Malta vs Yorgen Fenech**, il-proċeduri kollha qegħdin jinstemgħu u jiġu determinati minn Qorti ndipendenti; l-imputat f'dawk il-proċeduri qiegħed jingħata aċċess liberu għall-Qorti; is-smigħ ta' dawk il-proċeduri qiegħed

isir fil-preżenza tal-imputat innifsu; il-partijiet kollha f'dawn il-proċeduri qegħdin jiġu trattati b'mod ugwali bejniethom; l-imputat Fenech qiegħed jingħata kull jedd sabiex jiddefendi ruħu; l-imputat Fenech huwa debitament assistit minn avukat tal-fiduċja tiegħu matul il-proċess kriminali kollu; u Fenech qiegħed jingħata ż-żmien u l-faċilità sabiex iħejji d-difiża tiegħu adegwatament.

Fir-risposta tagħhom l-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat komplew jeċċepixxu li l-Avukat Ġenerali qatt u fl-ebda waqt ma kellu xi involviment fl-għażla tal-ġudikant li kellu jippresjedi l-ġuri. Jisħqu li din l-għażla ssir mill-Prim Imħallef abbażi tal-proċedura dettata mill-Artikolu 11(4) tal-Kap 12 u li l-firma tal-Avukat Ġenerali fuq l-att tan-nomina mhijiex għajr formalità. Żiedu wkoll jgħidu illi l-involviment tal-Avukat Ġenerali huwa limitat li jittrażmetti l-att tan-nomina lill-Ministru responsabbli mill-Ġustizzja qabel ma l-istess nomina tiġi trażmessa lill-President ta' Malta għall-approvazzjoni finali tiegħu. Jgħidu għalhekk illi l-Avukat Ġenerali lanqas biss għandu *voce in capitolo* fl-għażla li ssir.

In kwantu l-allegazzjoni tal-attur fir-rigward tal-imparzjalità tal-Onor. Imħallef Edwina Grima, ġie eċċepit illi teżisti preżunzjoni dwar l-imparzjalità tal-ġudikant b'tant illi kull allegazzjoni dwar l-imparzjalità trid tkun imsejsa fuq dubju leġittimu naxxenti minn fatti. Fir-rikors tiegħu l-attur ma jissostanzjax l-allegazzjoni b'dubji jew raġunijiet li wassluh jiddubita fl-imparzjalità tal-Imħallef sedenti. In oltre, l-intimati josservaw l-ironija fis-sens illi waqt illi l-attur qiegħed jiddubita dwar l-indipendenza u l-imparzjalità tal-Onor. Imħallef Edwina Grima fil-kuntest tal-ġuri, fl-istess waqt qiegħed jilmenta mill-fatt illi fl-eventwalità li jsir appell mill-ġuri, l-aktar Imħallef anzjan u ta' esperjenza fil-kamp kriminali u li sservi wkoll fil-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) u cioè l-Onor. Imħallef Edwina Grima mhux ser tkun tista' tippresjedi l-proċeduri tal-appell.

Il-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li:

i. Fit-30 ta' Novembru 2019 l-attur tressaq taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) akkużat b'kompliċità

f'omiċidju volontarju u b'assoċjazzjoni ma' persuna/i f'Malta bil-għan illi jitwettaq delitt f'Malta;

ii. Fit-18 t'Awwissu 2021 l-Avukat Ġenerali ħareġ l-att t'akkuża bin-numru 17/21 fil-konfront tal-attur fejn talab li f'każ ta' sejbien ta' ħtija Fenech jiġi kkundannat għal piena ta' għomru l-ħabs;

iii. L-Onor. Imħallef Aaron Bugeja, li kien oriġinarjament assenjat sabiex jippresjedi l-ġuri fil-konfront ta' Fenech, irrikuża ruħu;

iv. Fid-19 ta' Awwissu 2021 l-Onor. Prim Imħallef ta r-rakkomandazzjoni tiegħu illi l-ġuri jiġi presedut mill-Onor. Imħallef Edwina Grima. Dan id-dokument ġie mgħoddi lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali għall-firma tiegħu/tagħha;

v. Fid-19 ta' Awwissu 2021 ir-Reġistratur tal-Qorti Kriminali għadda d-dokument lill-Avukat Ġenerali b'nota lilu fejn jingħad hekk: "*The Chief Justice's recommendation is being referred for your kind legal vetting and onwards transmission to the Minister for Justice and Governance*";

vi. Fl-20 ta' Awwissu 2021 l-Avukat Ġenerali għadda n-nomina lill-Ministru responsabbli mill-ġustizzja fejn f'nota lilu jingħad hekk: "*Recommendation by the Chief Justice is hereby being referred. Subject to your approval, you may wish to advise H.E. the President accordingly*.";

vii. Fil-21 ta' Awwissu 2021 il-Ministru responsabbli mill-ġustizzja ttrażmetta n-nomina lill-President ta' Malta;

viii. Fit-23 ta' Awwissu 2021 in-nomina ġiet iffirmata mill-President ta' Malta u l-għada 24 ta' Awwissu 2021 din twaħħlet fir-Reġistru tal-Qorti Kriminali;

ix. B'rikors datat 26 ta' Awwissu 2021 li r-rikorrenti ppreżenta quddiem il-Qorti Kriminali, huwa talab lill-Onor Imħallef Grima sabiex "*tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża*". L-argumenti miġjuba minn Fenech fir-rikors tiegħu

quddiem il-Qorti Kriminali huma identiċi għal dawk li ressaq fil-kawża odjerna;

x. B'digriet tas-26 ta' Awwissu 2021 il-Qorti Kriminali ordnat in-notifika tar-rikors lill-Avukat Ġenerali għar-risposta tiegħu u ordnat lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali jesebixxi l-ordni ta' assenjazzjoni tad-doveri tal-Onor. Imħallef Edwina Grima;

xi. B'risposta tas-27 ta' Awwissu 2021 ir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali rrileva illi l-Onor. Imħallef Grima ġiet assenjata fil-Qorti Kriminali u fil-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) b'ordni tal-Onor. Prim Imħallef tal-18 ta' Ġunju 2015 waqt illi b'ordni tal-Onor. Prim Imħallef tal-15 ta' Jannar 2018, l-Onor. Imħallef Grima ġiet assenjata wkoll fil-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri);

xii. B'risposta tal-31 ta' Awwissu 2021 l-Avukat Ġenerali oppona għat-talbiet ta' Fenech kif ifformolati fir-rikors tiegħu tas-26 ta' Awwissu 2021.

xiii. B'rikors tat-2 ta' Settembru 2021 Fenech ipproċeda bil-proċeduri odjerni;

xiv. Fit-22 ta' Ottubru 2021 inżammet l-ewwel seduta quddiem l-Onor. Imħallef Grima fejn wara li nqrat l-akkuża id-difiża vverbalizzat hekk:

"*Id-difiża ressqet talba għar-rikuża għall-Qorti kif presjeduta u għamlet ukoll kawża kostituzzjonali b'dan magħdud **<u>id-difiża tiddikjara li ma għandha ebda dubju fl-integrita' ta' din il-Qorti kif presjeduta, qatt ma kellha u qatt mhu ser ikollha, tiddeċiedi kif tiddeċiedi</u>**.* (enfasi miżjuda)

*Ir-raġunijiet għaliex id-difiża mxiet b'dan il-mod huma raġunijiet purament ta' natura legali u xejn aktar*."

***<u>Id-difiża qed tiddikjara li ma għandiex oġġezzjoni li l-Qorti kif presjeduta tkompli bis-smigħ pendenti l-kawża kostituzzjonali</u>***. (enfasi miżjuda)

> ***Id-difiża tiddikjara in oltre li ma għandha ebda oġġezzjoni biex il-Qorti kif presjeduta f'dan l-istadju tkompli bis-smigħ tal-kawża marbuta mat-trattazzjoni fuq l-eċċezzjonijiet preliminari u dan mingħajr preġudizzju għall-eżitu kosituzzjonali u tat-talba hekk minnhom intavolata***. (enfasi miżjuda) (a fol. 156)

Tant dwar il-fatti saljenti li jsawwru l-azzjoni attriċi u li huma ta' nteress għall-mertu tal-kawża odjerna.

Fis-sostanza, l-ilmenti tar-rikorrenti li allegatament wasslu għal leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif imħares bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni huma essenzjalment tnejn:

1. Il-parteċipazzjoni tal-Avukat Ġenerali fil-proċess tan-nomina tal-Onor. Imħallef Edwina Grima sabiex din tippresjedi l-ġuri kontra Yorgen Fenech;

2. Bis-surroga tal-Onor. Imħallef Grima fil-Qorti Kriminali, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) sejra tiġi żvestita minn l-aktar ġudikant anzjan illi tista' tagħti kontribut ta' natura ta' liġi u proċedura penali.

Mill-provi, senjatament mix-xhieda mogħtija mir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Kriminali jirriżulta illi l-prassi hija dik illi n-nomina tintbagħat għand l-Avukat Ġenerali għall-firma tagħha u huwa biss wara li tinkiseb dik il-firma illi n-nomina tiġi trażmessa lill-Ministru għall-Ġustizzja qabel ma finalment tgħaddi għand il-President tar-Repubblika. Hija żiedet tgħid illi f'dan il-proċess "*Kull firma hija essenzjali*.".

Minn qari tal-inkartament proċesswali u minn qari tan-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-attur huwa evidenti illi l-ġist tal-ilment tal-attur huwa fis-sens illi *qua* prosekutur l-Avukat Ġenerali jikkwalifika bħala parti nteressata fil-proċeduri. Jgħid għalhekk illi bħala parti nteressata u bħala parti li qiegħda titlob kundanna ta' għomor il-ħabs, l-Avukat Ġenerali ma kellu qatt ikun involut, direttament jew indirettament fil-proċess tan-nomina. L-attur jakkampa wkoll fuq il-prinċipju illi *justice must not only be done*

*but must be seen to be done*. Jargumenta illi f'dan il-każ il-proċess illi ġie segwit ifalli mit-test oġġettiv għaliex l-intervent tal-Avukat Ġenerali fil-proċess ma jħallix fl-attur is-serħan il-moħħ li l-għażla tal-Imħallef li ser tippresjedi l-ġuri kienet waħda imparzjali u li din l-għażla ma saritx b'motivazzjoni ulterjuri.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-attur jakkampa wkoll fuq dak li jirriżulta mir-rapport tal-Kummissjoni Venezja fejn b'referenza għall-irwol tal-Avukat Ġenerali fil-Kumitat għall-ħatra tal-Ġudikatura jingħad hekk:

> "*The double role of the Attorney General as advisor of the Government and as prosecutor is problematic*."

Dan ingħad f'kuntest fejn l-irwol tal-Avukat Ġenerali *qua* membru tal-imsemmi bord u *qua* prosekutur jista' jnissel l-impressjoni illi hemm kunflitt ta' interess. L-attur iqabbel din is-sitwazzjoni ma' dik fil-proċess għan-nomina tal-Imħallef li sejra tippresjedi l-ġuri u jgħid illi anki f'dan il-każ, l-irwol tal-Avukat Ġenerali fil-proċess tan-nomina u l-irwol tiegħu bħala prosekutur jistgħu jagħtu l-impressjoni ta' kunflitt. L-attur ikompli jirreferi għar-rakkomandazzjonijiet li saru mill-Kummissjoni Venezja liema rakkomandazzjonijiet wasslu għal separazzjoni tal-poteri tal-Avukat Ġenerali b'tant illi s-sitwazzjoni llum hija tali li l-Avukat Ġenerali jinsab ikopri rwol ta' prosekutur waqt illi l-Avukat tal-Istat qiegħed jirrivesti l-irwol ta' konsulent tal-Istat. Jgħid għalhekk illi din is-separazzjoni tal-poteri għandha tapplika *across the board* u kull meta jkun meħtieġ rwol konsultattiv jew ta' *rubber stamping*, tali rwol għandu jiġi rikopert mill-Avukat tal-Istat.

In tema ta' dritt, id-disposizzjonijiet li jinvoka l-attur huma l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Il-partijiet rilevanti mill-Artikolu 39 Kostituzzjoni huma s-subartikolu (1) u (2) li jipprovdu hekk:-

> *"(1) Kull meta xi hadd ikun akkuzat b'reat kriminali huwa ghandu, kemm-il darba l-akkuza ma tigix irtirata, jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli minn qorti indipendenti u mparzjali mwaqqfa b'ligi.*

> *(2) Kull qorti jew awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli."*

Il-parti rilevanti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni taqra hekk:

> *"Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi."*

**L-Intempestività tal-Azzjoni**

L-intimati, l-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat eċċepew l-intempestività tal-azzjoni odjerna. Jipproponu t-teżi illi l-ilment tar-rikorrenti għandu jiġi eżaminat fil-kuntest tal-proċess kriminali fit-totalità tiegħu u li l-Qorti m'għandiex tieħu episodju jew sitwazzjoni waħda singolari sabiex tasal għal sejbien ta' leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq.

Għandu jibda biex jingħad illi fil-każ ta' llum, il-proċess kriminali senjatament il-ġuri fil-konfront ta' Yorgen Fenech għandu fl-istadju bikri tiegħu fejn sa llum għadhom ġew trattati l-eċċezzjonijiet preliminari. Biss, għalkemm il-proċess kriminali li dwaru qiegħed iressaq l-ilmenti tiegħu l-attur għadu mhuwiex mitmum, il-Qrati tagħna diġà kellhom ampja opportunità jesprimu ruħhom dwar l-intempestività tal-azzjoni. Qabel tirreferi għall-istregwa ta' każistika in materja, il-Qorti sejra tirreferi għall-osservazzjonijiet li jagħmel Dr. Tonio Borg fil-ktieb tiegħu stess intitolat *A Commentary on the Constitution of Malta* fejn jingħad is-segwenti:

> *"The trial or proceedings had to be seen as a whole and one incident or irregularity does not necessarily vitiate the entire proceedings. (See Anthony Zarb et vs Minister for Justice (CC) (16 October 2002) (729/99): "For the question to be*

*decided whether a fair hearing took place or not, according to the previously mentioned articles of the Constitution, one cannot and should not simply focus one`s attention on a part only of the proceedings before a court and if one finds any shortcoming, whatever it may be, one comes to the inexorable conclusion that the entire proceedings are therefore vitiated. On the other hand, for one to arrive at the conclusion whether there was a breach of the fundamental right of a fair hearing, it is necessary that the entire iter of the judicial proceedings be analysed. The assessment has to be based on the entirety of all the elements which form the judicial proceedings since it is only through such a comprehensive assessment that one can reasonably decide whether there was any violation of the said fundamental right" (see also Dr L Pullicino vs Prime Minister et (CC) (18 August 1998) (kollezzjoni Vol LXXII.1.159) where though some irregularities in the jury trial had occurred, the trial as a whole had been fair; see also Josephine Calleja vs Attorney General et (465/94) and Gregorio Scicluna vs Attorney General et (463/94) (both decided by the (CC) on 15 October 2003). See also Victor Lanzon et noe vs Commissioner of Police (CC) (29 November 2004) (15/02) where the interview by Police of a minor in absence of lawyer was not by itself deemed to be in breach of Article 6. See also Police vs Carmelo Ellul Sullivan et (CC) (25 September 2015) (29/10) where the fact that a new magistrate had been appointed who had not heard the witnesses viva voce was not per se considered to be in breach of Article 6 because the trial had not yet been concluded, and the defence would have the right to cross-examine the witnesses before the new magistrate, and the trial had to be seen as a whole; and George Pace v Attorney General et (CC) (31 October 2014) (56/11): "The right to a fair hearing is granted so that after a hearing within a reasonable time, a person who is innocent is not given a guilty verdict, and such person is given all the necessary means for such purpose; and also so that guilty persons do not evade the consequences of their actions."* (paġ. 140-141).

Il-Qrati tagħna rritenew illi huwa minnu li l-ħarsien tal-jedd għal smigħ xieraq jista' jiġi meqjus fil-kuntest tal-proċeduri kollha u li għaldaqstant jista' jkun prematur li wieħed jiddeċiedi fi stadju bikri tal-proċess. Madankollu, ġie ritenut illi jekk jirriżultaw raġunijiet suffiċjenti sabiex il-Qorti ssib li hemm leżjoni, il-Qorti m'għandiex tistenna li l-proċess jintemm jew addirittura tistenna li sseħħ il-leżjoni qabel tagħti d-deċiżjoni tagħha. Il-prinċipju kardinali li għandu jiggwida l-Qorti huwa dak illi l-Qorti għandha taġixxi tempestivament qabel ikun tard wisq.

Fis-sentenza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel Camilleri deċiża fit-22 ta' Frar 2013 liema kawża kienet titratta referenza kostituzzjonali li saret mill-Qorti Kriminali, il-Qorti Kostituzzjonali osservat illi l-Ewwel Qorti kellha tistenna li jintemm il-proċess kriminali qabel ma tqis l-ilment dwar leżjoni ta' drittijiet fondamentali u dan sabiex l-allegazzjoni dwar leżjoni tiġi kkunsidrata fil-qafas tal-proċess fit-totalita' tiegħu. Il-Qorti Kostituzzjonali żiedet tgħid hekk:

> *"Tassew illi l-gurisprudenza generalment hija kif ighid l-Avukat Generali. Ukoll fil-kaz ta' Imbrioscia v. l-Isvizzera (Q.E.D.B. 24 ta' Novembru 1993, rikors 13972/88.4), li wkoll kien dwar id-dritt ghall-ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, il-Qorti Ewropeja qalet illi kellha taghmel "a scrutiny of the proceedings as a whole" . Dan huwa principju generali li japplika ghall-jedd ghal smigh xieraq u ma jidhirx li hemm xi raguni ghala fil-kuntest tal-jedd ghall-ghajnuna ta' avukat ghandu jkun differenti.*
>
> *Madankollu, kif qalet din il-qorti fil-kaz ta' Il-Pulizija v. Alvin Privitera (Q. Kost. 11 ta` April 2011) , jista' jigri illi episodju wiehed ikun determinanti ghall-ezitu tal-process kollu u ghalhekk ma jkunx il-kaz illi l-qorti tistenna sakemm jintemm il-kaz. Dan jista' facilment jigri fil-kaz ta' ammissjoni ta' htija. Huwa minnu illi, jekk ikollha raguni ghax tahseb illi dik l-ammissjoni ma jkollhiex mis-sewwa, il-qorti tista' ma toqghodx fuqha. Ma jistax ma jinghadx, izda, illi stqarrija ta' htija aktar iva milli le tkun determinanti.*
>
> *Din il-qorti ghalhekk ma tarax illi hemm ragunijiet bizzejjed biex tiddisturba din il-konkluzjoni li waslet ghaliha l-Ewwel*

*Qorti, u li wasslitha biex taghti decizjoni qabel ma jkun intemm il-process penali.*

*Barra minn hekk, dan il-kaz inbeda b'referenza mill-Qorti Kriminali, li waqqfet is-smigh quddiemha sakemm ikollha t-twegiba ghal dik ir-referenza. Ma setghetx ghalhekk l-Ewwel Qorti ma twegibx ghar-referenza billi tistenna sakemm jinghalaq il-process kriminali.*

*Safejn irid illi l-qorti tqis it-"totalità tal-procedura" qabel ma twiegeb ghar-referenza, l-aggravju huwa ghalhekk michud*."

Fuq l-istess binarju kienet id-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Dr Melvyn Mifsud deċiża fis-26 t'April 2013 fejn ingħad illi:

*"Dan hu ugwalment applikabbli meta din il-Qorti jkollha tikkunsidra jekk x'aktarx tkunx ser issehh tali vjolazzjoni. Huwa minnu li kemm din il-Qorti kif ukoll l-organi ta' Strasburgu kkoncedew li in linea eccezzjonali xi fattur partikolari tal-proceduri jista' jkun tant determinanti ghad-dritt ghal smigh xieraq li ma jkunx mehtieg li l-Qorti tistenna sa tmiem il-proceduri sabiex tiddeciedi jkunx hemm vjolazzjoni tad-dritt in kwistjoni (Ara inter alia Repubbblika ta' Malta v. Carmel Camilleri, ibid) izda dan ma hux il-kaz li ghandha l-Qorti quddiemha llum.*

*Fil-kaz tal-lum anki kieku kien minnu li naqsu xi notamenti bil-miktub li kienu xi darba jifformaw parti mill-atti - haga li, kif inghad, ma tirrizultax pruvata f'dawn il-proceduri mill-appellant fil-grad li trid il-ligi - il-Qorti ta' kompetenza kriminali tkun ghad trid tevalwa r-relevanza ta' dik il-kitba allegatament nieqsa tenut kont tal-fatt li l-appellant jallega li jehtieg dik il-prova sabiex isostni l-eccezzjoni tieghu tal-preskrizzjoni filwaqt li l-prosekuzzjoni ssostni li r-reat li bih huwa akkuzat l-appellant huwa wiehed ta' natura permanenti u li bhala konsegwenza jgib mieghu il-fatt li t-terminu preskrittiv anqas biss jibda jiddekorri sakemm jibqa' jissusisti l-fatt projbit mil-ligi u cioè fil-kaz de quo n-nuqqas tal-pagament tal-ammonti allegatament dovuti lill-avukat Dr. Carmelo Grima; il-Qorti riferenti jista' jehtigilha tipprovdi*

*jekk ghandhiex tammetti xi prova sekondarja in sostituzzjoni ta' xi prova primarja u tkun ghad trid tiddetermina jekk il-prosekuzzjoni intentax l-azzjoni penali fiz-zmien previst mil-ligi u jekk tkunx ippruvat il-htija tal-akkuzat sal-grad previst mil-ligi penali u cioè oltre d-dubbju ragjonevoli; u eventwalment, fid-dawl ta' dan kollu, tkun trid tiddeciedi dwar il-htija o meno tal-appellant.*

*Ikunx hemm vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq, ghalhekk, jiddependi minn kif il-Qorti riferenti tittratta u tiddisponi mid-diversi kwistjonijiet u tappi processwali appena elenkati, fost ohrajn, li jistghu jitqieghdu quddiemha fil-kors tal-process u ghalhekk certament il-fatt wahdu previst mill-appellant sabiex fuqu jsostni t-talba tieghu ghal riferenza lil din il-Qorti ma hux wahdu determinanti tal-kwistjoni minnu sollevata li ghalhekk hi ghal kollox intempestiva u prematura u daqstant intempestiva u prematura hi r-referenza tal-Qorti referenti."*

Fil-kawża fl-ismijiet Morgan Ehi Egbomon vs Avukat Ġenerali deċiża fis-16 ta' Marzu 2011, il-Qorti Kostituzzjonali osservat:

*"Ghalhekk, sewwa qalet l-ewwel qorti illi, qabel ma jkun sar u ntemm il-process penali, ikun prematur illi jsir minn din il-qorti l-ezercizzju li jrid l-Appellant, kemm ghax l-Appellant ghad ghandu ghad-dispozizzjoni tieghu r-rimedji u l-mezzi ta' harsien kollha li jaghtih il-process penali – u ghalhekk ghad ghandu rimedji taht il-ligi ordinarja – u kif ukoll ghax din il-qorti ghadha ma tistax tqis il-process penali kollu kemm hu – ghax ghadu ma sarx – biex tkun tista' tghid kienx hemm ksur tal-jeddijiet fondamentali, mhux f'episodju izolat, izda fil-kuntest tal-process meqjus kollu kemm hu u bl-applikazzjoni in concreto tad-dispozizzjoniiet tal-ligi attakkati."*

Il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem deċiża fil-5 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet Tyrone Fenech and others vs Malta fejn ingħad:-

*The Court notes that according to its constant case-law the question whether or not court proceedings satisfy the*

*requirements of Article 6 § 1 of the Convention can only be determined by examining the proceedings as a whole, that is, once they have been concluded. However, the Convention organs have also held that it is not impossible that a particular procedural element could be so decisive that the fairness of the proceedings could be determined at an earlier stage (see, inter alia, Papadopoulos v. Greece (dec.), no. 52848/99, 29 November 2001; Arrigo and Vella v. Malta (dec.), no. 6569/04, 10 May 2005 and Pace v. Malta (dec.), no. 30651/03, 8 December 2005). At the same time, the Convention organs have also consistently held that such an issue can only be determined by examining the proceedings as a whole, save where an event or particular aspect may have been so significant or important that it amounts to a decisive factor for the overall assessment of the proceedings as a whole – pointing out, however, that even in those cases it is on the basis of the proceedings as a whole that a ruling should be made as to whether there has been a fair hearing of the case (see, inter alia, Mitterrand v. France (dec.) no. 39344/04, 7 November 2006 and more recently, De Villepin v. France (dec.), no. 63249/09, 21 September 2010).*

*In the present case the criminal proceedings concerning the applicants have not come to an end. Thus, although the constitutional jurisdictions have already decided the matter, the Court considers that it cannot be excluded that, inter alia, the applicants be eventually acquitted or that proceedings be discontinued (compare, Dimech, cited above, § 46).*

*The Court observes that applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal proceedings were still pending (see, Dimech, cited above, § 48, Kesik v. Turkey, (dec.), no. 18376/09, 24 August 2010 and Simonsv. Belgium (dec.), no. 71407/10, 28 August 2012) and, where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected on the ground that the applicant had no victim status (see Bouglame v. Belgium (dec.), no. 16147/08, 2 March 2010).*

*The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicants` possibility of bringing new proceedings before this Court in the event of a conviction by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicants are currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature.*

*Consequently, this part of the application must be rejected, pursuant to Article 35 §§ 1 and 4 of the Convention, for non-exhaustion of domestic remedies."*

Minn din ir-rassenja ta' ġurisprudenza joħroġ illi meta l-proċeduri li fil-kuntest tagħhom isir l-ilment ikunu għadhom mhux mitmuma, u ma jkunx għadu magħruf kif se jkun żvantaggjat ir-rikorrent, il-proċediment kostituzzjonali jitqies intempestiv. Mill-banda l-oħra, ilment li jitressaq waqt proċeduri li jkunu pendenti jista' jingħata konsiderazzjoni jekk id-dritt lamentat ikun x'aktarx ser jigi vjolat u l-ksur ikun wieħed reali u imminenti.

Fil-każ ta' llum l-ilment tar-rikorrenti jikkonċentra fuq aspett wieħed speċifiku garantit bis-saħħa tad-dritt għal smigħ xieraq u cioè l-imparzjalità tal-Qorti. Kif jinsab imfisser fil-*Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights – Right to a Fair Trial (Civil Limb)*[2] waqt illi kull rekwiżit imsemmi taħt l-Artikolu 6(a) iservi skop speċifiku fl-għoti ta' garanzija għal smigħ xieraq, dawn ir-rekwiżiti magħduda lkoll flimkien huma maħsuba sabiex iħarsu l-prinċipji fundamentali tas-separazzjoni tal-poteri bejn l-organi tal-Istat u jagħtu garanzija tas-saltna tad-dritt (*rule of law*). Ikompli jingħad illi huwa fundamentali li l-pubbliku jkollu kunfidenza, u serħan il-moħħ, fl-operat tal-ġudikatura u dan l-iskop jintlaħaq biss jekk dan l-organu jibqa' indipendenti u mparzjali.

Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet L-Imħallef Dottor Carmelo sive Lino Farrugia Sacco vs L-Onorevoli Prim Ministru et, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Jannar 2014, huwa prinċipju assodat illi:

[2] Fil-pubblikazzjoni aġġornata tat-30 t'April 2022

> *"Is-sistema Maltija hija fondata fuq il-premessa li 'il giudice non si presume ne' parziale ne' corrotto".*

Kull ġudikant għandu d-dmir jiddeċiedi l-kawżi lilu assenjati diment li ma jkunx każ li fih il-ġudikant ikollu xi interess personali. F'każ ta' nteress personali il-ġudikant għandu daqstant ieħor l-obbligu illi jirrikuża ruħu f'ġieħ il-ħarsien tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali (*nemo iudex in causa propria*, f'ġieh il-prinċipji tal-indipendenza u l-imparzjalità li huma korollarji għall-garanzija tas-saltna tad-dritt, kif ukoll f'ġieh it-tisħiħ tal-fiduċja pubblika fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Din hija l-linja ta' ħsieb abbraċċjata minn dawn il-Qrati:

> *"Anke jekk skont id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kap 12 ma hemmx lok ghal rikuza - anzi jista' jkun hemm divjiet ta' astensjoni - izda tista' tinholoq sitwazzjoni fejn ikun hemm kuntrast mad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonalità tal-individwu bil-konsegwenza li dawn ta' l-ahhar ghandhom jipprevalu fuq id-disposizzjonijiet l-ohra tal-ligi ordinarja." (ara sentenzi Qorti Kostituzzjonali* ***Sant vs Kummissarju tal-Pulizija*** *2/4/90;* ***Cachia vs Onor.Prim Ministru et*** *10/10/91;* ***Bugeja et vs Onor.Prim Ministru noe et*** *17/6/94 u PA (Sede Kostituzzjonali) Ghirxi vs Onor.Prim Ministru et 1/11/96).*

> *"….Indipendentement mill-fatt jekk ic-cirkostanzi kienux tali li kienu jintitolaw lill-parti li titlob ir-rikuza tal-gudikant skont il-ligijiet ta' procedura. Il-parametri ta' dawk il-ligijiet ghandhom jitqiesu li twessghu bil-provvedimenti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea li jiggarantixxu s-smigh xieraq. Irid ghalhekk jigu interpretati fl-ispirtu taghhom u fid-dawl tal-principji enuncjati fil-gurisprudenza tal-Qorti u tal-Kummissjoni Ewropea." (Dr. A. Mifsud vs On. Prim Ministru et -17 ta' Lulju 1996 (Kost)).*

Dwar il-prinċipji tal-indipendenza u l-imparzjalità il-Qorti sejra tirreferi għas-sentenza fl-ismijiet Avukat Dr Samuel Azzopardi vs l-Avukat Ġenerali et deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fl-4 ta' Lulju 2017 fejn b'referenza għall-ġurisprudenza u għall-awturi, ingħad hekk:

"***Tribunal jew Qorti Imparzjali***

*Sabiex jigi determinat jekk id-dritt ghas-smigh xieraq gie lez, jew x'aktarx jista' jigi lez "Il-Qorti ghalhekk trid tezamina jekk fil-konkret, u mhux fl-astratt, jistax jinghad li hemm jew jista' jkun hemm "bias" fil-gudikant li jirrendi l-operat tieghu soggettivament jew oggettivament parzjali. L-aforisma "justice must not only be done but must be seen to be done" trid tigi valutata fl-isfond tal-kaz partikolari." [PA (Sede Kostituzzjonali)* ***Ghirxi vs Onor.Prim Ministru et*** *1/11/96; ara wkoll E. T.* ***Rev.Mons. Arcisqof G. Mercieca pro et vs Onor. Prim Ministru noe*** *et 22/10/1984 Kost.).*

*L-awturi* ***Van Dijk Van Hoof u Van Rijn*** *fil-ktieb "Theory and Practice of the European Convention onHuman Rights" (4th ed) isostnu wkoll*[3]*:*

*"The adjectives 'independent' and 'impartial' are the expression of two different concepts. The notion of 'independence' refers to the lack of any connection between the tribunal and other parts of government, whereas the 'impartiality must exist in relation to the parties to the suit and the case at issue. However, the Court has not always drawn a clear borderline between the two concepts, and often considers both concepts together."*

*L-istess awturi ikomplu:*

*"For impartiality it is required that the court is not biased with regard to the decision to be taken, does not allow itself to be influenced by information from outside the court room, by popular feeling, or by any pressure whatsoever, but bases its opinion on objective arguments on the ground of what has been forward at the trial."*

Fis-sentenza li tat il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-15 t'Ottubru 2009 fl-ismijiet Micallef vs Malta il-Qorti

[3] P.613

osservat illi l-prinċipji gwida fid-determinazzjoni tal-imparzjalità huma s-segwenti:

> "*93. Impartiality normally denotes the absence of prejudice or bias and its existence or otherwise can be tested in various ways. According to the Court's constant case-law, the existence of impartiality for the purposes of Article 6 § 1 must be determined according to a subjective test where regard must be had to the personal conviction and behaviour of a particular judge, that is, whether the judge held any personal prejudice or bias in a given case; and also according to an objective test, that is to say by ascertaining whether the tribunal itself and, among other aspects, its composition, offered sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in respect of its impartiality (see, inter alia, Fey v. Austria, 24 February 1993, §§ 27, 28 and 30, Series A no. 255-A, and Wettstein v. Switzerland, no. 33958/96, § 42, ECHR 2000-XII).*
>
> *94. As to the subjective test, the principle that a tribunal shall be presumed to be free of personal prejudice or partiality is long-established in the case-law of the Court (see, for example, Kyprianou v. Cyprus [GC], no. 73797/01, § 119, ECHR 2005-XIII). The Court has held that the personal impartiality of a judge must be presumed until there is proof to the contrary (see Wettstein, cited above, § 43). As regards the type of proof required, the Court has, for example, sought to ascertain whether a judge has displayed hostility or ill will for personal reasons (see De Cubber v. Belgium, 26 October 1984, § 25, Series A no. 86).*
>
> *95. In the vast majority of cases raising impartiality issues the Court has focused on the objective test. However, there is no watertight division between subjective and objective impartiality since the conduct of a judge may not only prompt objectively held misgivings as to impartiality from the point of view of the external observer (objective test) but may also go to the issue of his or her personal conviction (subjective test) (see Kyprianou, cited above, § 119). Thus, in some cases where it may be difficult to procure evidence with which to rebut the presumption of the judge's*

*subjective impartiality, the requirement of objective impartiality provides a further important guarantee (see Pullar v. the United Kingdom, 10 June 1996, § 32, Reports 1996-III).*

*96. As to the objective test, it must be determined whether, quite apart from the judge's conduct, there are ascertainable facts which may raise doubts as to his impartiality. This implies that, in deciding whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular judge or a body sitting as a bench lacks impartiality, the standpoint of the person concerned is important but not decisive. What is decisive is whether this fear can be held to be objectively justified (see Wettstein, cited above, § 44, and Ferrantelli and Santangelo v. Italy, 7 August 1996, § 58, Reports 1996-III).*

*97. The objective test mostly concerns hierarchical or other links between the judge and other actors in the proceedings (see court martial cases, for example, Miller and Others v. the United Kingdom, nos.45825/99, 45826/99 and 45827/99, 26 October 2004; see also cases regarding the dual role of a judge, for example, Mežnarić v. Croatia, no. 71615/01, 15 July 2005, § 36, and Wettstein, cited above, § 47, where the lawyer representing the applicant's opponents subsequently judged the applicant in a single set of proceedings and overlapping proceedings respectively) which objectively justify misgivings as to the impartiality of the tribunal, and thus fail to meet the Convention standard under the objective test (see Kyprianou, cited above, § 121). It must therefore be decided in each individual case whether the relationship in question is of such a nature and degree as to indicate a lack of impartiality on the part of the tribunal (see Pullar, cited above, § 38).*

*98. In this respect even appearances may be of a certain importance or, in other words, "justice must not only be done, it must also be seen to be done" (see De Cubber, cited above, § 26). What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public. Thus, any judge in respect of whom there is a legitimate*

*reason to fear a lack of impartiality must withdraw (see Castillo Algar v. Spain, 28 October 1998, § 45, Reports 1998-VIII).*

*99. Moreover, in order that the courts may inspire in the public the confidence which is indispensable, account must also be taken of questions of internal organisation (see Piersack v. Belgium, 1 October 1982, § 30 (d), Series A no. 53). The existence of national procedures for ensuring impartiality, namely rules regulating the withdrawal of judges, is a relevant factor. Such rules manifest the national legislature's concern to remove all reasonable doubts as to the impartiality of the judge or court concerned and constitute an attempt to ensure impartiality by eliminating the causes of such concerns. In addition to ensuring the absence of actual bias, they are directed at removing any appearance of partiality and so serve to promote the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public (see Mežnarić, cited above, § 27)."*

Fil-każ ta' Micallef vs Malta il-Qorti sabet li kien hemm leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq billi l-liġi Maltija kif kienet taqra dak iż-żmien ma kinitx tipprovdi garanzija kontra l-imparzjalità tal-Qorti billi fil-qafas tas-sistema ġuridika Maltija ma kienitx meqjusa bħala problematika jew konfliġġenti r-relazzjoni ta' bejn l-Imħallef u l-Avukat.

Fil-każ ta' Bellizzi vs Malta deċiż mill-Qorti Ewropeja fil-21 ta' Ġunju 2011, il-Qorti ssenjalat illi l-prinċipji li japplikaw għall-imparzjalità tal-Qorti japplikaw ukoll għal persuni oħra li jaqdu funzjonijiet ġudizzjarji. Dan il-punt huwa ta' mportanza għar-raġuni illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu ir-rikorrenti xehet dubju fuq il-fatt illi l-Onor. Imħallef Grima għandha addetta magħha bħala *court attorney* lil Dr. Nadia Attard li preċedentement kienet taħdem fl-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u saħansitra kienet involuta fil-proċeduri li ttieħdu fil-konfront ta' Fenech. Biss, f'dan ir-rigward l-Onor. Imħallef Grima tat kull assigurazzjoni li f'każijiet bħal dak ta' Fenech, fejn jirriżulta lilha li jista' jkun hemm lok ta' kunflitt ta' nteress, hija ma tinvolvi bl-ebda lill-*court attorney* tagħha. Tajjeb jiġi riprodott dak illi lissnet l-Onor. Imħallef Grima f'dan ir-rigward:

*"Difiża: ... Li nistgħu, ma nixtiequx ninstemgħu antipatiċi Sinjura, nipprova nagħmilha din is-sottomissjoni bl-akbar rispett u bl-aktar mod kawt li nista' nagħmilha, però għandna informazzjoni li jista' jagħti l-każ li Dr. Nadia Attard hija l-court attorney ta' din il-Qorti.*

*Qorti: Iva Dr. Nadia Attard hija court attorney miegħi,* ***<u>però dawn il-kawżi jiena ma ngħaddihomlhiex.</u>***

*Difiża: Tajjeb, fair enough.*

*Qorti: La din, la l-oħra li hija fuq l-istess binarju. Jiġifieri dawn kollox nieħu ħsieb jien mingħajr ebda assistenza ta' ħadd.* ***<u>Jiġifieri nista' nserrħilkom raskom fejn f'ċertu affarijiet fejn jiena nħoss li jista' jkun hemm xi kunflitt żgur, mhux f'din il-kawża biss imma fi kwalunkwe kawża li mhux ser jiġu mgħoddija lill-court attorney.</u>***

*Difiża: Għamiltha b'rispett.*

*Qorti: Għandek kull dritt.* ***<u>Imma jiena nista' nserrħilkom raskom, kemm lill-Prosekuzzjoni jiġifieri, il-parte civile u lilkom id-difiża, li dawn il-kawżi nieħu ħsiebhom jien</u>****."*

Dwar dan il-punt, fil-każ ta' Bellizzi vs Malta (ibid.) il-Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet li għandhom rilevanza għall-każ ta' llum:

> *"57. The Court recalls at the outset that in proceedings originating in an individual application it has to confine itself, as far as possible, to an examination of the concrete case before it (see Minelli v. Switzerland, 25 March 1983, § 35, Series A no. 62). Accordingly, in the present case the applicants have not emphasised that the basis of the complaint is the fact that judicial assistants may be recruited on a part-time basis, and no details in relation to this aspect have been given in the parties' submissions. Moreover, the Court recalls that legislation and practice on*

*the part-time judiciary in general may be framed so as to be compatible with Article 6 (see Wettstein, cited above, § 41). Therefore, what is at stake in the present case is solely the impartiality of the Constitutional Court in the applicants' case as a result of Dr M.'s position.*

*58. The Court considers that while court officials are not impervious to the requirement of impartiality, the applicability of this condition is dependent on the specificities of the role of the court official in question within the domestic legal and judicial system.*

*59. The Court observes that in the Maltese system, the Legal Secretary of the Chief Justice is an appointed judicial assistant. In consequence it is the judicial assistants' role that needs to be examined. The Court notes that functions of judicial assistants include, inter alia, assistance in the judicial process and, at the request of the court, participation in the proceedings,taking witness testimony and affidavits on matters connected with proceedings, receiving documents produced with any testimony, and holding sittings as may be directed by the court, together with issuing deadlines for the submission of evidence, pleadings or other judicial acts by the parties. As stated in the Government's submissions, judicial assistants may also draw up opinions in respect of the cases put to the court. In this light, the Court considers that the tasks entrusted to a judicial assistant in the Maltese system may be of important significance to the judicial process, and consequently, an individual performing the abovementioned tasks must be impartial for the proceedings to be Article 6 compliant.*

*60. The Court notes that in the present case, as admitted by the Government, Dr M. actively represented the applicants' opponents at an earlier stage of the proceedings (see paragraph 49 above). It is true that her previous involvement was temporary as she represented the applicants' opponents for only a few months from October 2002 until an unspecified date in 2003 when she withdrew. This was almost six years before the decision of*

*the Constitutional Court of 27 February 2009. However, the proceedings dealt with the same subject matter, inter alia, the compliance of the MMA's actions with the Constitution and the Convention, and the consequent effects on the applicants'rights (see, conversely,Puolitaival and Pirttiaho v. Finland, no. 54857/00, § 51, 23 November 2004). What remains to be ascertained is the actual participation of Dr M. in the constitutional proceedings.*

*61. The Court firstly notes that quite apart from her general role as judicial assistant to the Chief Justice the applicants have not provided any evidence which suggests that Dr M. had been entrusted with the case. Indeed, it transpires from the relevant Maltese law that a judicial assistant may be involved in any named case only at the court's request. It may therefore be the case that a judicial assistant has no involvement in a particular suit as was in fact declared by the Chief Justice in relation to the present case. The applicants expressed no doubt as to the veracity of that statement, at least in so far as it related to the lack of Dr. M's assistance to the Chief Justice. The Court further observes that the applicants' statement that they were not aware that Dr M. was the Chief Justice's judicial assistant, confirms that, in the impugned proceedings, Dr M. had not taken any witness testimony or affidavits, nor received documents produced with any testimony, or held sittings or issued deadlines for the submission of evidence, pleadings or other judicial acts by the parties. In this light, as the Court does not find it established that Dr M. participated as a judicial assistant in the impugned proceedings, it follows that there are no ascertainable facts capable of raising legitimate doubts as to the impartiality of the Constitutional Court in the present case.*

*62. In these circumstances, the Court finds that there has not been a violation of Article 6 § 1 of the Convention as regards the requirement of an impartial tribunal."*

Il-Qorti Ewropea fil-kaz ta' Kyprianou v Cyprus fissret dawn l-elementi hekk:

*"2. An analysis of the Court's case-law discloses two possible situations in which the question of a lack of judicial impartiality arises. The first is functional in nature: where the judge's personal conduct is not at all impugned, but where, for instance, the exercise of different functions within the judicial process by the same person (see Piersack, cited above), or hierarchical or other links with another actor in the proceedings (see court martial cases, for example, **Grieves,** cited above, and **Miller and Others v. the United Kingdom,** nos. 45825/99, 45826/99 and 45827/99, 26 October 2004), objectively justify misgivings as to the impartiality of the tribunal, which thus fails to meet the Convention standard under the objective test (see paragraph 118 above). The second is of a personal character and derives from the conduct of the judges in a given case. In terms of the objective test, such conduct may be sufficient to ground legitimate and objectively justified apprehensions as in **Buscemi**, cited above, but it may also be of such a nature as to raise an issue under the subjective test (see, for example, **Lavents**, cited above) and even disclose personal bias. In this context, therefore, whether a case falls to be dealt with under one test or the other, or both, will depend on the particular facts of the contested conduct."*

Ta' nteress huwa dak illi qalet il-Qorti Ewropea fil-każ ta' Albert Le Compte vs Belgium deċiż fit-28 ta' Jannar 1983. F'dan il-każ l-applikanti kienu żewġ tobba ta' nazzjonalità Belġjana. Le Compte ġie sospiż mill-prattika għal perijodu ta' sentejn wara li allegatament ikkommetta reat kontra d-dixxiplina professjonali. Le Compte allega vjolazzjoni tad-drittijiet tiegħu taħt l-Artikolu 6(1) wara li l-Kunsill tal-Appell caħad it-talba tiegħu u waqt illi ma kienx preżenti għall-proċeduri il-Kunsill tal-Appell biddel il-kundanna għas-sospensjoni għal perijodu ta' sentejn b'kundanna li ismu jiġu kkanċellat mill-Ordni tat-Tobba. Le Compte oġġezzjona u appella quddiem il-Qorti ta' Kassazzjoni biss anki din il-Qorti ċaħdet it-talba ta' Le Compte abbażi tal-Artikolu 6(1). Il-Qorti qalet illi ma hemmx vjoalzzjoni tal-Artikolu 6(1) meta d-deċiżjoni ta' Qorti ma tkunx waħda finali għar-raġuni li jkun għad hemm lok t'appell minn dawk il-proċeduri u li għalhekk ikun għad hemm lok ta' kontroll u konsegwentement garanzija ulterjuri għall-ħarsien tad-dritt

imħares taħt l-Artikolu 6(1). Din is-sentenza ġiet sussegwentement ċitata f'diversi kawżi li segwew fosthom: Tsfayo v. the United Kingdom, 14 ta' Novembru 2006; Denisov vs Ukraine, 25 ta' Settembru 2018; Grace Gatt vs Malta, 8 ta' Ottubru 2019 fejn ġie ripetutament ribadit illi:

> "*According to the Court's case-law, even where an adjudicatory body determining disputes over "civil rights and obligations" does not comply with Article 6 § 1 in some respect, no violation of the Convention can be found if the proceedings before that body are "subject to subsequent control by a judicial body that has full jurisdiction and does provide the guarantees of Article 6 § 1*" (ara *Grace Gatt vs Malta* § 79, Denisov vs Ukraine § 65 u Tsfayo vs United Kingdom § 42).

Traċċjata din il-ġurisprudenza u abbażi tal-prinċipji hemm stabbiliti, il-fattur determinati għall-eżerċizzju li trid tagħmel il-Qorti mhuwiex dak illi jemmen l-attur iżda jekk il-biża tiegħu hijiex leġittima u oġġettivament ġustifikata. L-attur jagħmilha ċara fin-nota ta' sottomossijonijiet tiegħu li l-biża tiegħu hija waħda oġġettiva u mhux soġġettiva fis-sens illi tolqot il-persuna tal-Imħallef. Fi ftit kliem l-ilment tal-attur huwa dirett lejl il-livell ta' kunfidenza fil-Qrati u s-serħan il-moħħ li l-Qorti sejra tiddeċiedi b'imparzjalità. Il-fulcrum tal-ilment huwa l-apparenza u cioè l-impressjoni li tingħata bil-fatt li l-Avukat Ġenerali qua prosekutur kien b'xi mod involut fin-nomina. L-Attur jakkampa fuq il-prinċipju: *justice must not only be done but must be seen to be done*.

Wara li qieset bir-reqqa l-argumentazzjoni tal-attur u l-motivazzjoni li wasslitu jistitwixxi l-proċeduri odjerni, il-Qorti ma tistax ma tosservax l-inkongruwenza kbira fl-argumentazzjoni tal-attur. L-ilment tal-attur huwa essenzjalment maqsum f'żewġ partijiet. Minn lat qiegħed jargumenta li m'għandux is-serħan tal-moħħ dwar l-imparzjalità tal-Onor. Imħallef Grima stante l-fatt illi l-Avukat Ġenerali kien involut fil-proċess tan-nomina tagħha. Mill-banda l-oħra però qiegħed jisħaq li bil-fatt li l-Imħallef Grima sejra tippresjedi l-ġuri din mhijiex ser tkun tista' tippresjedi l-Qorti tal-Appell f'każ illi jsir appell mill-ġuri. Il-Qorti hija perplessa b'din l-argumentazzjoni li tqis monka minn kull

sens ta' loġika. Kif jista' l-attur minn banda jiddubita l-imparzjalità tal-Imħallef li qegħda tippresjedi l-ġuri u fl-istess waqt jisħaq bis-saħħa li din għandha eventwalment tisma' l-appell? Il-loġika tiddetta li jew l-attur għandu fiduċja fl-imħallef inkella m'għandux u huwa proprju b'din il-motivazzjoni li tqis l-ilmenti tal-attur bħala kontrapposti wieħed għall-ieħor. Dan minbarra l-fatt li l-ewwel ilment tal-attur jikkontrasta bil-kbir mal-komportament tiegħu fil-kuntest tal-proċess kriminali. Irid ta' bilħaqq jiġi senjalat li waqt li fil-kors tal-proċess kriminali l-attur intavola rikors għar-rikuża tal-Onor. Imħallef Grima, fl-ewwel udjenza relattiva għall-proċeduri kriminali, Fenech iddikjara li kellu fiduċja sħiħa fl-Imħallef sedenti u saħansitra ddikjara li ma kellu ebda oġġezzjoni li dik l-istess Qorti kif komposta tkompli bis-smigħ tal-kawża. Fil-fatt, mill-atti jirriżulta li dawk il-proċeduri baqgħu għaddejjin, mhux talli hekk, talli l-partijiet trattaw fit-tul l-eċċezzjonijiet preliminari kollha mqanqla f'dawk il-proċeduri u saħansitra irreġistraw qbil li dik il-Qorti setgħet tgħaddi għas-sentenza tagħha fir-rigward tal-istess eċċezzjonijiet. Il-Qorti tirribadixxi illi ma jagħmel assolutament ebda sens li l-attur li qiegħed jgħid li jiddubita l-imparzjalità tal-Onor. Imħallef Grima fl-istess waqt jiddikjara li għandu fiduċja fiha u jagħti l-barka tiegħu għat-tkomplija tas-smigħ tal-proċeduri u saħansitra għall-għoti ta' deċiżjoni dwar l-eċċezzjonijiet preliminari.

Waqt illi l-attur għandu kull dritt illi jfassal il-ħsibijiet tiegħu u li jressaq id-dubji tiegħu 'il quddiem għall-kjarifika jekk ikun il-każ, fl-istess waqt ma jistax l-attur jippretendi li dak li jaħseb u li jgħid huwa neċessarjament fatt li l-ġudikant irid tabilħaqq joqgħod fuqu. Il-liġi tal-evidenza tagħmel tajjeb għall-fatt li kulħadd jaħseb li għandu raġun hu u huwa proprju għalhekk illi l-Qorti għandha tosserva r-regoli tal-evidenza skrupolożament għaliex hekk kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet Ignatius Busuttil vs Water Services Corporation, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-12 ta' Mejju 2005, "*tribunal b'funzjonijiet ġudizzjarji ma jista, b'ebda loġika u sens ta' ġustizzja, jikkampa l-ġudizzju tiegħu fuq asserzjonijiet gratuwiti, konġetturi bla bażi, jew sempliċi fehmiet meta dawn ma jsibu l-ebda riskontru fil-konkret tal-provi*."

Hija l-fehma tal-Qorti li l-konvenut ma ġabx provi sabiex jezonera ruħu mill-piz li jinkombi fuqu li juri għall-konvinċiment tal-Qorti illi l-allegazzjoni sejrissima tiegħu dwar l-imparzjalità tal-Onor. Imħallef Edwina Grima hija tassew fondata. In materja ta' piż tal-prova, ir-regola komunement imhaddna mill-Qrati hija fis-sens illi l-parti li tallega fatt għandha fuqha l-oneru illi tipprova l-eżistenza tiegħu altrimenti jsegwi l-prinċipju illi *actor non probante, reus absolvitur*. Dan il-piz jinkombi fuq il-partijiet kollha f'kawża, kemm fuq l-attur li jrid jagħmel il-prova tal-fatti li fuqhom isawwar id-dritt ta' azzjoni tiegħu (*actori incumbit probatio*), kif ukoll fuq il-konvenut illi meħtieġ isostni l-fatt minnu eċċepit sabiex jikkontrasta l-pretensjonjiet tal-attur (*reus in excipiendo fit actor*) (ara Kollez. Vol. XLVI.i.5). F'dan il-każ, trattandosi ta' proċeduri kostituzzjonali, bħal fil-każ ta' proċeduri ċivili, il-prova li trid issir għall-konvinċiment tal-ġudikant hija dik fuq bażi ta' probabbilita' li l-fatt hu pruvat kif allegat. Adita mill-mertu tal-każ il-Qorti trid tiddeċiedi *iuxta alligata et probata* li jfisser li d-deċiżjoni trid tkun strettament marbuta mat-termini tal-allegazzjonijiet imqanqla mill-partijiet u l-provi li jressqu in sostenn ta' dawk it-talbiet u l-eċċezzjonijiet.

F'dan il-każ il-Qorti ssib illi minkejja l-allegazzjonijiet sejrissimi posti mill-attur, tali allegazzjonijiet ma jirriżultawx ippruvati. L-attur naqas milli jissostanzja l-biża tiegħu dwar l-imparzjalità tal-Qorti billi għalkemm allega xi tip ta' *mala fede* da parti tal-Avukat Ġenerali, ma pprovox għas-sodisfazzjoni tal-Qorti li l-Avukat Ġenerali kellu rwol attiv fin-nomina. Dak li jirriżulta hu li l-Avukat Ġenerali kienet biss messaġġier fil-proċess għaliex għalkemm il-firma tagħha kienet meħtieġa sabiex jitkompla l-proċess tan-nomina, din il-firma kienet biss formalità. Minn imkien ma jirriżulta li l-Avukat Ġenerali ġie kkonsultat qabel saret in-nomina. Għall-kuntrajru jidher ċar għal din il-Qorti li n-nomina saret mill-Onor. Prim Imħallef **<u>waħdu</u>** u skont il-proċedura stabbilita fil-liġi. Bil-fatt li l-proċess tan-nomina jirrikjedi l-firma tal-Avukat Ġenerali ma jfissirx li dan kellu l-jedd jagħti l-opinjoni tiegħu f'xi waqt ta' dak il-proċess. Il-fatti kif jirriżultaw juru li l-Avukat Ġenerali ġie mgħoddi n-nomina *a fatto compiuto* biex sempliċement jagħmilha ta' messaġġier u jittrażmetti d-dokument ulterjorment. F'dan il-kuntest il-Qorti ma tistax ma tosservax l-inkoststenza fl-attur fejn waqt illi qiegħed jattakka l-irwol tal-Avukat Ġenerali f'dak il-proċess,

mhuwiex jattakka l-involviment tal-Ministru għall-Ġustizzja. Bir-raġunament tal-attur li għandha ssaltan is-separazzjoni tal-poteri u li l-involviment tal-Avukat Ġenerali jista' jittrażmetti messaġġ ħażin u jispira nuqqas ta' fiduċja fil-proċess, allura anki l-involviment tal-Ministru jista' jqanqal l-istess suspett u jimmina l-fiduċja fil-proċess ġudizzjarju. Dan però ma jidhirx illi jinkwieta lill-attur u lanqas ma jidher li joħloqlu xi preġudizzju. Il-Qorti qrat il-kummenti li l-attur fin-nota tiegħu għadda *en passant* dwar l-involviment tal-Ministru biss lanqas hawn ma jidher li l-attur wera t-tħassib tiegħu dwar tali nvolviment.

In konklużjoni, apparti l-fatt li ma jirriżultawx provi in sostenn tal-allegazzjonijiet serjissimi maghmula mill-attur, il-komportament ġenerali tiegħu ikompli jsaħħaħ il-fehma tal-Qorti li l-ilment tal-attur huwa wieħed fieragħ maħsub bħala l-enneżimu tentattiv ta' dilungar inutli tal-proċeduri.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha li jirrigwardaw l-intempestività tal-azzjoni u tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet.

2. Tiċħad it-talbiet kollha kif dedotti.

3. Tordna lill-attur iħallas l-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri.

IMHALLEF

DEP/REG